MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 852/2003

**C & L Calleja Trading Ltd.**

**vs**

**Victor Aquilina**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' April, 2003 fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u sitta u erbghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm946.42) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mixtrija u wzata mill-konvenut ghan-negozju li kien jiggestixxi mill-Barbarella Restaurant, San Giljan;**
**Illi nonostante illi gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont rikjest, il-konvenut hallas biss parti izda baqaghet pendenti s-somma mitluba fl-avviz;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi hekk kif indikati fil-prospett anness sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-16 ta' Mejju, 2003, fejn intqal illi l-konvenut qatt ma ordna xoghol minghand l-attur u ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur.**

**Semgha x-xhieda ta' Victor Aquilina, Ronnie Said, Louis Calleja u Marion Mercieca. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ghall-merci konsenjata lill-konvenut. Il-konvenut qed jghid li hu ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-attur.**

**2. Jirrizulta li l-konvenut kellu l-Barbarella Restaurant f'San Giljan, Il-merci kienet tigi konsenjata ghal dan ir-restaurant.**

**3. Il-konvenut qed jghid li kien Ronnie Said responsabbli ghall-hlasijiet, in kwantu kien hu li qed jiggestixxi n-negozju. Pero` mill-kumpless tal-provi dana ma jirrizultax. Jirrizulta minflok li Said kien impjegat mal-konvenut, u kien hekk registrat mal-ETC, Dok.LC1.**

**4. Fil-bidu tax-xhieda tieghu l-istess konvenut jiddikjara li Said kien impjegat mieghu, fis-sens lid an kien jiehu hsieb l-management ta' Barbarella Restaurant. Pero` jirrizulta wkoll li kien il-konvenut li kien jimla l-formoli tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-imsemmi negozju. Ghalhekk ma hemmx dubbju f'dan il-kuntest li l-konvenut kien finalment responsabbli. Jekk saru ordnijiet zejda minn Ronnie Said u Francesco Minitti, it-tnejn li kienu jkunu fir-restaurant, dik hi kwistjoni li l-konvenut se mai irid jara separatament maghhom u mhux mas-socjeta` attrici.**

**5. Huwa minnu li fil-kwalita` tieghu ta' Manager, Said kien jordna l-ikel minghand is-socjeta` attrici. Hemm qbil bejn il-partijiet li c-cekkijiet kien johroghom Ronnie Said. Id-dokumenti esebiti a fol.34 sa fol75**

**juru bic-car li l-invoices kienu jinhargu lil Barbarella Restaurant, jew Trattoria Barbarella, u li l-"contact person" kien xi drabi Said, xi drabi Minitti.**

**6. Louis Calleja, General Manager tas-socjeta` attrici jikkonferma li lil Said jafu bhala Manager tar-restaurant imsemmi, pero` l-propjetarju kien il-konvenut. L-istess Said jikkonferma li sa Lulju, 2002 kien part-time Manager mas-socjeta` EW Enterprises Ltd li hi socjeta` tal-konvenut. Jirrizulta li mill-bidu nett, is-socjeta` attrici kienet infurmata li Said kien biss impjegat. In-negozju baqa' jsir anke wara li spicca Said minn hemm.**

**7. It-Tribunal fic-cirkostanzi hu soddisfatt li l-ammont mitlub huwa dovut esklussivament mill-konvenut, salv u mprgudikat kull dritt tal-konvenut fir-rigward ta' Said.**

**8. L-ammont dovut jirrizulta mhux biss mid-diversi invoices esebiti izda ukoll mill-istatement esebit Dok.A (fol.2 sa fol.4).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u sitta u erbghin lira maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm946.42) bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Mejju, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------